MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## IAN SPITERI BAILEY

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2005

Talba Numru. 1546/2005

**Korporazzjoni ghas-Servizzi ta’ l-Ilma f’isimha proprju u ghan-nom ta’ l-Enemalta**

**Vs**

**Vincent Cucciardi (212559M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-20 ta’ Lulju 2005, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-Korporazzjoni attrici s-somma ta’ tmenin Liri Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm80.62), ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-imghax legali u bl-ispejjes.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-korporazzjoni attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tad-19 ta' Settembru 2005, meta gewipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tal-korporazzjoni attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-korporazzjoni attrici s-somma ta' tmenin Liri Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm80.62) bl-imghax u bl-ispejjes kif mitluba fl-Avviz.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------